**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 4 ta` Lulju 2019**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 528/19 JZM**

**Adam Brimmer**
**(ID 433280M)**

***kontra***

**Joseph Zammit**
**(ID 353580M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat, li kienipprezentat **bil-procedura sommarja specali**, fid-29 ta` Mejju 2019 li jaqra hekk :-

*1. Illi l-attur huwa kreditur tal-konvnut fis-somma ta` disgha u erbghin elf, tmien minja mija u hamsa u hamsin euro (€49,855) u dan ai termini tal-kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu in atti tan-Nutar Dottor Analise Micallef tat-3 ta` April 2018, kopja ta` liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok "A".*

*2. Illi minkejja li ai termini tal-istess kuntratt il-konvenut kellu jaghmel pagamenti rateali mensili, huwa naqas ghal kollox milli jaghmel dan u ma hallas xejn mill-ammont minnu dovut.*

*3. Illi ghalhekk il-konvenut tilef il-beneficcju tat-terminu lilu moghti u dan l-ammont issa huwa dovut bl-imghax bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena skont kif hemm indikat fl-imsemmi kuntratt ta` kostituzzjoni ta` debitu.*

*4. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta` l-istess attur jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dipensa tas-smiegh billi fil-fehma ta` l-istess attur, il-konvenut m`ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.*

*5. Illi ghalkemm il-konvenut gie interperllat sabiex ihallas l-imsemmi ammont, inkluz permezz tal-ittra ufficjali datata 6 ta` Frar 2019, huwa baqa` nadempjenti u ma hallasx.*

*6. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi l-attur jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni –*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet ta` l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta` disgha u erbghin elf tmien mija u hamsa u hamsin Ewro (€49,855) dovuta ai termini tal-kuntratt tal-kostituzzjoni ta` debitu tat-3 ta` April 2018 in atti tan-Nutar Dottor Analise Micallef.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta` Frar 2019 u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta` l-effettiv pagament kontra l-konvenut rapprezenti ta` liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti li pprezenta l-attur, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat in-nota guramentata li pprezenta l-konvenut fl-14 ta` Gunju 2019 (fol 17) li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici.

**Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` disgha u erbghin elf tmien mija u hamsa u hamsin Ewro (€49,855) dovuta ai termini tal-kuntratt ta`kostituzzjoni ta` debitu tat-3 ta` April 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Analise Micallef.**

**Tikkundanna lill-konvenut, sabiex fuq l-ammont kanonizzat bhala dovut minnu lill-attur skont it-tieni talba, ihallas lill-attur imghax ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena b`effett mill-24 ta` Mejju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta` Frar 2019, u dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju li kien prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**